Suġġett

Appell ippreżentat mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Settembru 2006, Carlos Correia de Matos vs Il-Parlament Ewropew (T-440/05), li bih ċaħdet bħala manifestament inammissibbli talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Awwissu 2004 li tirrifjuta l-ilment ippreżentat mir-rikorrent kontra r-Repubblika Portugiża.

Dispożittiv

1) L-appell ta' C. Correia de Matos huwa inammissibbli.

2) Il-kawża hija mħassra mir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Novembru 2007 — Cofradía de pescadores "San Pedro" de Bermeo *et* vs Il-Kunsill

(Kawża C-6/06 P)

"Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità — Prinċipji ta' stabbiltà relattiva, ċertezza legali u aspettattivi leġittimi — Ammissibbiltà — Appell in parti infondat u in parti inammissibbli — Appell inċidentali — Talba għat-tħassir ta' parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li fih iddikjarat li mhux meħtieġ li tiddeċiedi fuq eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma fil-konfront ta' rikors li ġie miċħud bħala infondat — Nuqqas ta' interess ġuridiku — *Res judicata*"

1. *Appell — Ammissibbiltà — Deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 56) (ara l-punti 21, 22)*

2. *Appell — Aggravji — Sempliċi ripetizzjoni tal-motivi u l-argumenti mressqa quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza — Nuqqas ta' identifikazzjoni ta' l-iżball ta' liġi invokat — Inammissibbiltà — Kontestazzjoni ta' l-interpretazzjoni jew ta' l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza — Ammissibbiità (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-punt (ċ) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 112(1)(c)) (ara l- punti 34-36, 60)*

3. *Appell — Aggravji — Aggravju kontra kunsiderazzjoni tas-sentenza li mhijiex neċessarja sabiex ikun iġġustifikat id-dispożittiv tas-sentenza — Aggravju inoperanti (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 58(1)) (ara l-punt 51)*

4. *Appell — Aggravji — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-evlawazzjoni ta' l-elementi ta' informazzjoni — Talba għal perizja ppreżentata minn waħda mill-partijiet wara l-għeluq tal-proċedura orali (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, Artikolu 62) (ara l-punti 69-71)*

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Ottubru 2005, Cofradía de pescadores "San Pedro" de Bermeo *et* vs Il-Kunsill (T-415/03), li biha l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors għall-kumpens tad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrenti wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill għat-trasferiment lir-Repubblika Franċiża ta' parti mill-kwota ta' sajd ta' l-inċova allokata lir-Repubblika Portugiża.

Dispożittiv

1) L-appell prinċipali, magħmul mill-Cofradía de pescadores "San Pedro" de Bermeo u l-appellanti l-oħrajn, li isimhom jidher fl-anness tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tad-19 ta' Novembru 2005, Cofradía de pescadores "San Pedro" de Bermeo *et* vs Il-Kunsill (T-415/03), huwa miċħud.

2) L-appell inċidentali, magħmul mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, huwa miċħud.

3) Il-Cofradía de pescadores "San Pedro" de Bermeo u l-appellanti l-oħrajn, li isimhom jidher fl-anness tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tad-19 ta' Ottubru 2005, Cofradía de pescadores "San Pedro" de Bermeo *et* vs Il-Kunsill (T-415/03) u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

4) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Digriet tal-president tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Scott

(Kawża C-296/07 P (R))

"Appell — Proċeduri għal miżuri provviżorji — Digriet li jiddikjara li mhemmx lok li tingħata deċiżjoni — Appell manifestament infondat"